MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tal-15 ta' Frar, 2008

Talba Numru. 74/2005

**Joe Magro**

**-vs-**

**Anthony Cauchi**

Seduta tal-15 ta’ Frar 2008

It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-Talba li biha l-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta` (Lm950) ta` xoghol ta` *panel-beating*, *rust removing, spray-painting* u dinitrol fuq il-vettura tal-konvenut Kia Seres, inkluz f’dan l-ammont hemm it-taxxa tal-VAT liema xoghol sar fuq inkarigu tal-konvenut u li l-konvenut qieghed jirrifjuta li jhallas. Bl-imghax legali b’effett minn meta tlestew ix-xogholijiet sal-effettiva pagament. Bl-ispejjez kontra l-konvenut inkluzi tal-ittra interpellatorja tal-14 ta` Gunju 2005. Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi l-konvenut qatt ma rrifjuta li jhallas lill-attur kumpens xieraq u gust ta` xoghol minnhu ezegwit u fil-fatt biex jaqta` kwalunkwe litigju fil-Qorti huwa dejjem kien u ghadu lest li jhallas l-ammont ta` hames mija u hamsin lira Maltin (Lm550) ghas-saldu tal-pretenzjonijiet tieghu, liema somma ta` flus ghalkemm hija ferm aktar gholja mill-ammont dovut lill-attur, dan l-istess attur qieghed jirrifjuta li jaccetta dan l-ammont ta` hames mija u hamsin lira Maltin (Lm550).

Illi l-ammont pretiz mill-attur ta` disa` mija u hamsin lira Maltin (Lm950) huwa ezagerat ghall-ahhar u fil-fatt sal-lum l-attur ghadu ma tahx kont dettaljat tax-xoghol minnhu ezegwit u tal-ispejjez li huwa nefaq, li huwa zgur pero` huwa li m’huwiex minnhu li l-attur ghamel xi xoghol ta` *rust removing*, kif facilment jista` jigi verifikat.

Ra d-digriet tal-4 ta` Ottubru 2005 li permezz tieghu t-Tribunal hatar lil Tarcisio Mercieca bhala Perit Tekniku biex jikkostata x-xoghol.

Ra l-verbal tas-seduta tal-24 ta` Novembru 2005 li permezz tieghu Dr Mario Scerri b’referenza ghall-verbal tas-seduta precedenti u interament minghajr pregudizzju tal-mertu accetta s-somma ta` sitt mija u hamsin lira Maltin (Lm650) eskluza tal-VAT u l-ispejjez tal-lum jigu sopportati mill-konvenut u li l-kawza giet differita ghall-probabbli cessjoni bil-ghan li l-partijiet jaslu fi ftehim izda tali ftehim ma sehhx u konsegwentement Tarcisio Mercieca gie ezonerat mill-inkarigu gja moghti u fis-27 ta` Jannar 2006 gie mahtur bhala espert Tekniku Joseph Zammit.

Ra r-relazzjoni tal-Espert Tekniku Joseph Zammit li gie prezentat fit-23 ta` Frar 2007 u gie mahluf fil-11 ta` April 2007.

Ra li l-konvenut talab li jeskuti lil-espert tekniku izda fid-diversi seduti li kien hemm wara li huwa halef r-rapport, dan l-espert qatt ma gie ngunt li jwassal lit-Tribunal kwazi jahseb li tali talba kienet biss *a delaying tactic*.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ra li l-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta` ostakolu ghas-seduta tal-lum u li ma gie pprezentat l-ebda rikors li permezz tieghu intalab li s-sentenza tigi sospiza.

**Ikkonsidra**

Illi mir-rapport tal-Espert Tekniku jidher illi l-vettura in kwistjoni li hija trakk li kien mizbugh spray ta` kulur abjad kollhu bil-kaxxa b'kollox minn gewwa u minn barra tal-istess kulur. L-Espert Tekniku nnota li sabiex isir ix-xoghol ta` *spray-painting* l-attur zarma diversi partijiet u diversi *panels* biex seta` jaghmel ix-xoghol ta` *spray-painting* kif suppost u wara naddaf biex ghamel il-*base* ghall-istess *spray-paint*. L-Espert Tekniku ma jeskludiex li biex sar dan ix-xoghol sar xi tindif ta` xi lega ta` sadid li huwa wkoll parti mix-xoghol inkluz mat-tindif bhala preparamenti skond is-sengha sabiex tigi applikata sewwa is-sengha tal-*spray-paint*.

Mil-ezamijiet teknici li ghamel l-istess Espert Tekniku huwa ikkonkluda li ma kien hemm l-ebda prova li l-attur kien ghamel xi tisfija ta` sadid permezz ta` *patching* izda huwa ma eskludiex li mal-preparamenti tal-*base* tal-*spray* u tindif generali u zarmar seta` jitnaddaf xi tracci ta` sadid fl-istess tindif. Dan l-Espert ikkonkluda wkoll illi dan huwa xoghol inkluz mal-preparamenti li jsir qabel ma tinghata z-zebgha. L-Espert ikkonkluda illi l-hlas li qed jitlob l-attur minghand il-konvenut jinkludi xoghol ta` *panel-beating* u qtugh ta` sadid u dan ma jirrizultax li sar. Ghalhekk mill-ammont ta` disa` mitt lira Maltin (Lm900) ghandu jkun hemm riduzzjoni ta` mija u tletin lira Maltin (Lm130).

L-Espert finalment ikkonkluda illi l-ammont gust li l-attur ghandu jithallas ghax-xoghol ta` tindif, zarmar u *spray-painting*, bl-ispejjez b'kollox huwa likwidat ghal tmin mija u ghoxrin lira Maltin (Lm820) bil-VAT b'kollox.

It-Tribunal jidhirlu li din il-konkluzjoni hija gusta u ekwa u giet debitament ipprovata u ghalhekk jaghmel tieghu il-konkluzjonijiet raggunti mill-istess Espert Tekniku.

Billi dan l-ammont huwa anqas mill-ammont mitlub mill-attur izda aktar mill-ammont li gie offrut mill-konvenut, ghandu jkun hemm rifless opportun fuq il-kap tal-ispejjez.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta`elf disa' mija u ghaxar Euro u tmien centezmi (€1910.08) ekwivalenti ghall-tmin mija u ghoxrin lira Maltin (Lm820) bl-imghaxijiet mid-data ta` notifika tal-Avviz. L-ispejjez tal-kawza jkunu kwantu ghal tlett kwarti (3/4) ghall-konvenut u kwart (1/4) ghall-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------